MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 69/2001/1

**Peter Paul sive Pawlu Mifsud u b'digriet tat-22 ta' Ġunju 2011**
**il-ġudizzju ġie trasfuż fuq l-atturi l-oħra minflok Peter Paul sive**
**Pawlu Mifsud stante l-mewt tiegħu fil-mori tal-kawża;**
**Angelo Mifsud u b'digriet tat-13 ta' Jannar 2005 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Margaret Mifsud minflok Angelo Mifsud li miet fil-mori tal-kawża;**
**Coronata Pisani u b'digriet tal-11 ta' Frar 2009 Dr. Jean Paul Grech**
**ġie nominat Kuratur tal-elenku biex jidher minflok il-mejta**
**Coronata Pisani fl-atti tal-kawża;**
**Peter Paul u Salvina Camilleri; u**
**Maria armla ta' Joseph Camilleri u b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2011**
**il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Salvu Camilleri u Bernarda Azzopardi**

**minflok Maria Camilleri li mietet fil-mori tal-kawża**

**vs**

**Alfred u Michelina Axiaq**

**Illum Il-Ħamis, 31 ta’ Ottubru 2013**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi b’mandat ta’ Inibizzjoni Nru: 6/01 G3 (PC), l-atturi odjerni talbu ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimat Alfred Axiaq sabiex huwa personalment jew permezz ta’ terzi ma jkomplix bid-demolizzjoni u/jew bini tal-ħajt diviżorju li jifred l-proprjeta’ tal-konvenut fi Triq San Koronato fin-Nadur, Għawdex mill-passaġġ proprjeta’ tal-atturi fl-istess triq u dan sakemm tiġi stabbilita’ l-linja diviżorja li tifred il-proprjeta’ tal-konvenuti mill-passaġġ;

Illi bl-istess Mandat ta’ Inibizzjoni l-atturi talbu wkoll li l-intimati, llum konvenuti jiġu miżmuma milli jiftħu kwalunkwe twieqi jew apertui fuq il-passaġġ ndikat stante li m’għandhom l-ebda dritt fuq dan il-passaġġ privat proprjeta’ tar-rikorrenti, atturi odjerni;

Illi bil-verbal tas-6 ta’ Frar 2001, fl-atti tal-istess mandat ta’ Inibizzjoni hawn fuq imsemmi, t-talba għal ħruġ tal-istess Mandat ta’ Inibizzjoni ġie limitat għal ftuħ ta’ aperturi għal fuq il-passaġġ in kwistjoni;

Illi bid-digriet tal-istess Onorabbli Qorti tat-13 ta’ Lulju 2001, it-talba tal-istess atturi għal ħruġ ta’ mandat ta’ Inibizzjoni ġiet miċħuda u dana peress illi, skond l-istess Onorabbli Qorti, ma rriżultax ‘prima facie’ li r-rikorrenti, l-atturi odjerni, għandhom xi jeddijiet ta’ proprjeta’ jew ta’ xorta oħra fuq dan il-passaġġ;

Illi l-atturi odjerni qegħdin jikkontestaw dan id-digriet in kwantu jolqot il-proprjeta’ tal-istess passaġġ u dana

peress illi l-atturi jirritjenu li huma għandhom titolu ta' proprjeta' fuq dan l-isqaq ossia passaġġ li mit-tramuntana lejn nofsinhar jasal sa Triq San Coronato, kir jirriżulta b'mod ċar mhux biss mit-testment pubbliuk tal-24 ta' Frar 1961 (atti Nutar G. Cauchi) ta' Salvu u Carmela konjuġi Mifsud u esebit bħala Dokument 'A' fl-istess Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq imsemmi imma anki mill-fatt li oriġinarjament l-istess sqaq kien jifforma parti integrali mir-raba ta' Salvu u Carmela konjuġi Mifsud u ġie segregat u ffurmat sabiex wħud mill-kompropjetarji li ħadu l-porzjoni tar-raba tagħhom fuq wara jkollhom aċċess mill-istess sqaq għat-triq pubblika (Triq San Koronato);

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara l-atturi odjerni għandhom drittijiet ta' proprjeta' fuq l-istes sqaq in kwsitjoni;

2. Konsegwentament tinibixxi l-istess konvenuti milli jew huma personalment jew permezz ta' ħaddiema minnhom imqabbda jiftħu aperturi, inklużi twieqi u bibien jew jagħmlu kwalunkwe sporġenzi għal fuq l-istess passaġġ oġġett tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 6/2001 fl-ismijiet 'Pawlu Mifsud et –vs– Alfred Axiaq et' mingħajr il-kunsens jew approvazzjoni tagħhom u f'dan is-sens tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-istess Onorabbli Qorti tat-13 ta' Lulju 2001 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq imsemmi;

3. F'każ li l-istess konvenuti jagħmlu x-xogħolijiet misemmija fit-tieni domanda tagħhom, għaliex huma m'għandhomx jiġu kkundannati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss, jneħħu għas-spejjeż tagħhom l-istess xogħolijiet ta' aperturi, inklużi twieqi, bibien, u sporġenzi li jkunu għamlu mingħajr il-kunsens u approvazzjoni tal-istess atturi;

4. U jekk l-stess żmien jgħaddi inutilment għaliex l-istess atturi m'għandhomx jiġu awtorizzati li jagħmlu x-xogħolijiet huma għas-spejjeż tal-istess konvenuti u taħt id-direzzjoni ta' perit arkitett li jiġi nominat għall-istess fini.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru: 6/01 fl-ismijiet ‘Pawlu Mifsud et vs Alfred Axiaq et’ u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi, konfermata bil-ġurament ta’ Angelo Mifsud.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li permezz tagħha eċċepew :

1. Illi t-tielet u r-raba’ talbiet attriċi huma nulli billi dawn huma domandi ipotetiċi dipendenti minn azzjoni futura da parti tal-konvenuti hemm prospettata u għalhekk ma humiex regolari;

2. Illi t-tieni talba attriċi hija nulla in kwantu qegħda tintalab ir-revoka contrario imperio tad-digriet fil-manda ta’ inibizzjoni imsemmi billi (i) din ma hix il-proċedura korretta biex wieħed jikseb ir-revoka ta’ mandat ta’ inibizzjoni u (ii) l-istess premess l-inqas jiġġustifikaw u jwasslu għal tali talba;

3. Illi preliminarjament teżisti n-nuqqas ta’ integrita’ tal-ġudizzju billi kieku wieħed kellu jaċċetta dak sostnut mill-atturi dwar il-proprjeta’ tal-passaġġ, allura hemm proprjetarji oħra li ma ġewx ċitati fil-kawża;

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi jridu jġibu l-prova li l-art mertu ta’ din il-kawża ġiet ddikjarata lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fl-okkażżjoni tad-devoluzzjoni favurihom ta’ l-istess art;

5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju huwa kkontestat illi l-atturi huma l-proprjetarji jew komproprejtarji tad-daħla msemmija u t-testment ċitat fiċ-ċitazzjoni proprju jeskludi tali proprjeta’.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fil-jedd u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti maħlufa minn Alfred Axiaq.

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Ġunju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Din hija kawża rivendikatorja fejn l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni li għandhom drittijiet ta' proprjeta' fuq sqaq li jagħti għal fuq Triq San Coronato, n-Nadur,[1] u konsegwentement sabiex il-konvenuti ma jitħallewx jiftħu aperturi li jkunu jagħtu għal fuq dan l-isqaq.[2] Dwar din l-azzjoni il-**Pacifici Mazzoni** jfisser illi:

"*La proprieta'… e' un diritto assoluto. Ma tale non sarebbe ove la legge non proteggesse le facolta' ad essa inerenti, e non fornisse al proprietario il mezzo di far rispettare il suo diritto quando altri in tutto o in parte lo disconosca. Quindi il proprietario puo' rivendicare la propria cosa da qualunque possessore o detentore, e questo diritto esercitato in giudizio, prende il nome di azione rivendicatoria….L'azione rivedicatoria e un azione reale con cui il proprietario di una cosa domanda contro il possessore o il detentore della medesima, il riconoscimento del suo diritto di proprieta' e in conseguenza la restituzione della cosa stessa con ogni sua accessione…. Nel giudizio di rivendicazione l'attore deve provare la sua proprieta',che e' il fondamento della sua azione. Ne' puo' pretendere invece di provare che il diritto di proprieta' manchi all'avversario. Ove non riesca l'attore a provare la sua proprieta', il reo convenuto resta assoluto pei noti principii:* ***actore non probante, reus absolvitur; in pari causa, melior est conditio possidentis****….La prova dev'esser piena: appunto perche' il diritto,che ne forma l'oggetto, e' il fondamento*

[1] Ara ritratt ta' dan l-isqaq esebit bhala Dok.RA a fol.104
[2] Ara aperturi fil-fond tal-konvenuti li jaghtu ghal fuq dan l-isqaq, kif jidhru fuq ir-ritratt esebit a fol.230

*dell’azione. Questa prova risulta in maniera irrefragabile dalla usucapione, che siasi compiuta a profitto dell’attore o di uno dei suoi autori. In difetto di usucapione la prova della proprieta’ non puo’ risultar piena che da un titolo traslativo di essa, congiunto alla giusificazione del diritto dell’autore immediato, e dei suoi predecessori; risalendo sino a quello di uno di essi, per quanto remoto, che l’avesse acquistata mediante l’usucapione. Ma colla comune dei dottori si osserva da* Aubry e Rau*, che una prova cosi’ rigorosa difficilmente si concilia con le esigenze della pratica; tanto che fu detta* ***probatio diabolica****. Sembra quindi che per equita’ non possa pretendersi dall’attore,se non la prova di un diritto migliore o piu’ fondato di quello del reo convenuto.Da questo principio, che’ pure sussidiato dalla presunzione della proprieta’ annessa al possesso, derivano le tre seguenti regole:*

*1.Quando l’attore produce un titolo traslativo di proprieta’,consentito a suo favore, e il reo convenuto non ne produce alcuno, deve ritenersi che quegli abbia provato sufficentemente il suo diritto di proprieta’, purche’ il suo titolo* sia anteriore al possesso del reo convenuto….

*2.Quando si’ l’attore che il reo convenuto producono titoli traslativi di proprieta’, e questi emanino dalla stessa persona, la preferenza e’ regolata dall’anteriorita’ della trascrizione, o, secondo casi, dei titoli stessi…..*

*3. Allorche’ l’attore non produce alcun titolo a sostegno della sua dimanda, e si limita ad invocare o atti antichi di possesso, presunzioni tratte dallo stato de’ luoghi, o altre circostanze, deve distinguersi, se il reo convenuto abbia avuto o non un possesso esclusivo e ben determinato;….*

*Del resto la prova della proprieta’ puo’ farsi dal rivendicante anche col mezzo di presunzione e congetture; segnatamente ove trattisi di rivendicare un dominio antico.*

*Ma, in generale, un'azione rivendicatoria non puo' sorreggersi sul solo appogio di risultanze attinte dalle mappe o campioni catastali."*[3]

Fl-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji dottrinali, nsibu l-qrati tagħna jispjegaw illi:

"…. *L-attur fl-azzjoni rivendikatorja jrid jipprova d-dominju, ossija l-proprjeta' fiħ, tal-ħaġa li jrid jirrivendika. Mhux biżżejjed li hu talvolta jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu – '**melior est conditio possidentis**'. Ġie dejjem ritenut mill-Qrati Tagħna, fuq l-istregwa tal-prinċipji ammessi universalment mid-dottrina u l-ġurisprudenza, bażata fuq liġijiet bħal tagħna, illi dik il-prova li hi eżatta mir-rivendikant hemm bżonn li tkun kompleta u konklużiva, b'mod li, kif ntqal fis-sentenza 'Fenech vs. Debono (P.A. 14 ta' Marzu 1935, Kollez.Vol.XXIX.II.488). 'kwalunkwe dubbju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-**pussessur konvenut**'. Kompla f'dik is-sentenza jingħad illi 'anki jekk il-Qorti ma tkunx affattu sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberaħ jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubbju (ara wkoll fl-istess sens Kollez.XXXII.I.282; XXXIII.II.266; XXXV.I.518; XXXVII.I.105*)[4]

Hekk ukoll ingħad illi:

" *Rekwiżiti għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni rivendikatorja huma li l-attur jipprova d-dominju tal-ħaġa akkwistata leġittimament u li **l-konvenut ikun qed jippossediha.***

*Ir-regolament tal-provi f'din l-azzjoni jiddependi mill-atteġġjament difenzjonali prexelt mill-konvenut; in quanto jekk hu jeċċepixxi li hu għandu titolu fuq il-ħaġa rivendikata aktar mill-attur, il-piż tal-prova jaqa' fuqu u jekk ma jilħaqx din il-prova jissokombi fl-eċċezzjoni tiegħu; jekk għall-kuntrarju huwa jittrinċjarja ruħu wara l-barriera ta'*

---

[3] Istituzioni di Diritto Civile Italiano 3za ed. 1884;vol.III.# 131-134, p.207et seq.
[4] Appell Civili:Giuseppe Buhagiar v.Giuzeppi Borg:17.11.1958;Kollez.vol.XLII.pt.I.p.575

*pussess, jinkombi lill-attur li jipprova d-dominju tiegħu u huwa anke jekk ma jipprovax it-titolu tal-pussess, iżda jiddemonstra l-mankanza ta' titolu ta' l-attur, għandu jissuċċedi fl-eċċezzjoni tiegħu".*[5]

A bażi tal-prinċipji stabiliti hawn fuq, sew fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza, ġialadarba l-konvenuti m'humiex jeċċepixxu titolu ta' proprjeta', imma qed jistrieħu sempliċement fuq il-pussess, l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-atturi li jridu jippruvaw inekwivokament it-titolu tagħhom.

In sostenn tal-pretensjoni tagħhom fuq dan l-isqaq, l-atturi jiċċitaw it-testment *unica carta* ta' Salvu u Carmela konjuġi Mifsud, ġia ġenituri jew nanniet rispettivi tagħhom.[6] Permezz ta' prelegat imħolli lil uħud minn uliedhom bit-tielet artikolu ta' dan it-testment, it-testaturi kienu *inter alia* ħolqu passaġġ, wiesa' erbat ixbar sabiex ikun hemm aċċess għall-artijiet wara l-fond residenzjali tagħhom, li kienu qed iħallulhom. Ingħad f'dan ir-rigward li dan il-prelegat kellu jinkludi: "…*Fuq it-tramuntana ta' din l-aħħar porzjon ġardina* ***passaġġ wiesa' erba ti xbar*** *li jieħdok lejn il-punent sakemm jilħaq* ***passaġġ ieħor*** *li mit-tramuntana lejn in-nofsinhar jasal sa Triq San Koronatu*."[7] Il-"*passaġġ l-ieħor*" imsemmi f'din il-parti tal-prelegat, huwa appuntu li sqaq in kwistjoni. L-atturi jippretendu illi dan l-isqaq jifforma parti ntegrali mill-passaġġ ikkreat f'dan il-prelegat, u allura huwa prova tat-titolu tagħhom. Imma apparti l-fatt, li dikjarazzjoni f'testment ma tistax titqies bħala prova ta' titolu oriġinali, il-mod stess kif huwa deskritt il-passaġġ maħluq f'dan il-prelegat, fih innifsu jeskludi l-possibilita' li l-isqaq in kwistjoni kien inkluż fl-istess prelegat. Il-passaġġ ta' erbat ixbar gie deskritt bħala li "*jieħdok lejn il-punent sakemm jilħaq passaġġ ieħor* …", u għalhekk qed issir distinzjoni netta bejn dan il-passaġġ u l-passaġġ l-ieħor li jwassal sat triq. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax ma tikkonfemax dak li kienet qalet fid-digriet tagħha fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni li kien ippreċeda din il-kawża, fis-sens illi l-passaġġ in kwistjoni

[5] Giuseppi Abela vs John Zammit:P.A.16.5.1963

[6] Ara kopja ta' dan it-testment, in atti nutar Giuseppe Cauchi tal-24 ta' Frar 1961,esebita bhala Dok.PQ 1 afol. 50 – 58 tal-process

[7] Ara l-ahhar sentenza a fol.57

kien issemma biss bħala konfini tal-passaġġ ta' erbat ixbar maħluq fil-prelegat hawn indikat, u huwa għal kollox distint u separat minnu.[8]

L-atturi jsostnu fin-Nota ta' l-Osservazzjonijet tagħhom, illi anke jekk dan it-testment ma jiġix aċċettat bħala prova tat-titolu tagħhom, hemm provi biżżejjed li jindikaw li huma akkwistaw il-proprjeta' tal-isqaq in kwistjoni bis-saħħa tal-preskrizzjoni trentennali. Din il-preskrizzjoni hija regolata bl-artikolu 2107(1) tal-Kap.16 li jistipola illi: "**Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi**." Għall-kuntraju tal-preskrizzjoni estintiva li tirrikjedi biss l-inazzjoni tal-kreditur għall-perijodu stipulat mil-liġi (art.2143Kap.16), din il-preskrizzjoni tirrikjedi dejjem il-pussess da parti ta' min ikun qed iqajjem l-eċċezzjoni. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell: "*Skond l-insenjament tal-Laurant, malgrado l-lokuzzjoni monka ta' l-artikolu 2262 tal-Kodiċi Franċiż, simili għall-Malti (l-artikolu 2143 tal-Kap.16), dik id-disposizzjoni għandha tinftiehem bħala komprendenti tant il-preskrizzjoni akkwżittiva kemm l-estintiva, li meta l-preskrizzjoni triġenarja tkun akkwiżittiva allura hemm bżonn dejjem il-pussess, sija pure skompanjat minn titolu u minn buona fede; li dik il-preskrizzjoni hi akkwiżittiva fil-każ ta' azzjonijiet reali, fis-sens dawna l-azzjonijiet minnu spjegat u li l-azzjoni tal-proprjetarju biex jieħu lura dak li hu tiegħu, ma tistax tiġi opposta b'sempliċi preskizzjoni estintiva, imma b'dik akkwiżittiva koinvolġenti l-pussess ta' l-eċċipjenti, kif jgħallem anke l-Baudry*."[9]

Fil-każ in eżami, ħjiel ta' prova f'dan ir-rigward hija x-xhieda ta' xi ħadd mill-atturi, mhux korroborata, fis-sens illi huma kienu ħadu ħsieb jiksu dan l-isqaq bis-siment. Ma ntqalx pero' meta dan sar. Xehdet ukoll it-tieni mara ta' Loreto Mifsud, il-predeċessur fit-titolu tal-art li fuqha sussegwentement bnew il-fond tagħhom il-konvenuti, li stqarret li żewġha kien jgħidilha li l-isqaq kien ta' ħutu, u li dan kellu jitwessa iżjed milli kien, għax il-ħajt li kien

---

[8] Ara kopja tad-digiret relattiv a fol 13
[9] Maria Felicia Cremona vs Carmelina Carabott et. : 23.01.1998, kollez.vol.LXXXII.ii.23

jiddividi l-art tiegħu, provenjenti wkoll mill-eredita' tal-ġenituri tiegħu, il-konjuġi Mifsud hawn fuq imsemmija, ma kienx sar fuq il-qasma. Imma din id-deposizzjoni lanqas ma tista' tittieħed bħala prova inekwivoka tal-pussess għaż-żmien kollu li trid il-liġi sabiex tinkiseb din il-preskrizzjoni. Terġa' lanqas id-denunzji tas-suċċessjoni tal-istess konjuġi Mifsud ma jsemmu xejn dwar dan l-isqaq.[10] F'tali ċirkostanzi, u peress li lanqas ma ġew sodisfatti r-rekwiżiti tal-preskrizzjoni akkwiżittiva, ma jistax jingħad li l-atturi għandhom xi jeddijiet ta' proprjeta' fuq dan l-isqaq bis-saħħa ta' din il-preskrizzjoni.

F-istess Nota tal-Ossevazjonijet tagħhom, u f'tentattiv li jsalvaw din il-kawża, l-atturi jirreferu wkoll għall-**azzjoni publiciana** li permezz tagħha jista' jingħad li huma għandhom pussess aħjar mill-konvenuti, li ma ressqu ebda prova ta' titolu fuq l-isqaq in kwistjoni. Huwa minnu li jidher li f'xi każijiet remoti din l-azzjoni ġiet dikjarata ammissibbli fis-sistema ġuridikata tagħna, għalkemm teżisti kontroversja fid-dottrina f'dan ir-rigward.[11] Infatti intaql illi: "*Fid-Dritt Ruman, kien hemm, minbarra l-actio rivendicatoria, li għaliha meħtieġa l-prova tad-dominju f'min iqanqalha, ukoll l-actio publiciana li għaliha hija meħtieġa l-prova biss ta' pussess f'min iqanqalha aħjar mill-pussess ta' l-imħarrek. Milli jdher, l-actio publiciana mhux biss għadha sseħħ fostna, iżda tista' tingħaqad f'ċitazzjoni waħda ma' l-azzjoni rivendikatoria*." [12] Imma fil-każ tagħna din l-azzjoni setgħet, f'każ favorevoli għall-atturi, tagħtihom biss il-**pussess** tal-isqaq in kwistjoni, u mhux ukoll li tiddikjarahom proprjetarji, kif attwalment qed jitolbu fiċ-ċitazzjoni tagħhom. Anke taħt dan l-aspett, l-azzjoni odjerna, hija għalhekk destinata li tfalli. Konsegwentement it-talbiet l-oħra fiċ-ċitazjzoni, billi huma marbuta ntimament mad-dikjarazzjoni ta' proprjeta' kif magħmula fl-ewwel talba, għandhom neċessarjament ifallu wkoll.

Għal dawn il-motivi, u peress li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li huma għandhom drittijiet ta' proprjeta' fuq l-

[10] Ara kopji tad-denunzji relattivi esebiti bhala Dokti. AA 126 u 127 a fol. 261 - 275
[11] Ara I. Borsari: Commentario del Codice Civile Italiano, ed. 1872, vol.II pag.157
[12] Alosia Fenech et. vs Francesco Debono et. Prim'Awla: 14.05.1935

isqaq deskritt fiċ-ċitazzjoni, tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------